# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Ottubru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 680/01mm**

**Associated Supplies Limited**

**vs**

**Tonio Cardona**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici li prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. ikun iddikjarat illi, minhabba l-inadempjenza tal-konvenut fil-hlas tal-*leasing charge* stipulat fi klawsola tnejn (2) ta' *leasing* ta'

*airconditioning unit* (dok. A ) iffirmat bejn il-kontendenti fl-10 ta' Lulju, 1998, l-istess kuntratt gie xjolt mis-socjeta' attrici bis-sahha tal-ittra ufficjali mibghuta mis-socjeta' attrici fl-20 ta' April, 2001, ai termini tal-klawsola tnax (12) tal-istess kuntratt, jew fin-nuqqas, l-istess Onorabbli Qorti torndna x-xoljiment immedjat tal-istess kuntratt, minhabba nuqqasijiet imputabbli lill-konvenut;

2. ikun ikkundannat il-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u tmienja u sittin lira Maltin (Lm468.00), jew somma ohra verjuri illi tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti, bhala arretrati ta' *leasing charge* li l-konvenut kien tenut li jhallas lis-socjeta' attrici skond klawsola 2 tal-kuntratt imsemmi;
3. ikun dikjarat illi, b'rizultat tax-xoljiment tal-kuntratt, il-konvenut kien tenut ukoll li jhallas lis-socjeta' attrici, a tenur tal-klawsola 12 tal-kuntratt, somma ekwivalenti ghal-*leasing charge* kumplessiva u kalkolata fuq il-bqija tal-perijodu tal-istess kuntratt, wara d-data tax-xoljiment; u
4. konsegwenza l-konvenut ikun ikkundannat sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u tmienja u sittin lira Maltin (Lm468.00), jew somma ohra verjuri li tigi likwidata, bhala s-

somma kumplessiva dovuta bhlal *leasing charge* fuq il-bqija tal-perijodu tal-istess kuntratt, b'effett mid-data tax-xoljiment;

5. ikun iddikajarat illi socjeta' attrici tkun intitolata illi titlob lura l-*airconditioning unit* formanti l-oggett tal-kuntratt tal-10 ta' Lulju, 1998;

6. konsegwentement il-konvenut ikun ikkundannat sabiex fi zmien qasir u perentorju illi joghgobha dina l-Onorabbli Qorti ghal dan l-iskop, jirritorna l-imsemmi *airconditioning unit* fil-pussess tas-socjeta' attrici;

7. tawtorizza lis-socjeta' attrici sabiex, f'kaz ta' inadempjenza mill-konvenut, tiehu lura l-pussess tal-istess airconditioner, okkorrendo jekk ikun il-kaz taht is-sorveljanza ta' Perit nominat minn dina l-Onorabbli Qorti ghal dan l-iskop, u ghas-spejjez tal-konvenut;

8. ikun iddikjarat illi l-konvenut ostakola l-ezercizzju tad-dritt tas-socjeta' attrici illi tnehhi l-airconditioner mill-pussess tal-istess konvenut, skond klawsola 12 tal-kuntratt imsemmi u li, ghalhekk, l-istess konvenut rrenda ruhu responsabbli ghall-hlas tal-penali ta' ghaxar liri Maltin (Lm10.00) kuljum, b'effett mid-data tal-20 ta' April, 2001, sad-data illi fiha l-istess *airconditioning unit* jitqieghed fil-pussess tas-socjeta' attrici; u

9. il-konvenut ikun ikkundannat, konsegwentement, sabiex ihallas lis-socjeta' attrici dik il-penali ta' ghaxar liri Maltin (Lm10.00) kuljum, b'effett mill-20 ta' April, 2001, jew minn dik id-data illi joghgobha tipprefiggi dina l-onorabbli Qorti, sad-data illi fiha l-istess konvenut effettivament jikkonsenja l-istess *airconditioner* lis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' April, 2001, u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz, u bl-imghaxijiet legali b'effett mill-20 ta' April, 2001, sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

B'riserva ghal kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lis-socjeta' attrici kontra l-konvenut ghall-hsarat li jistghu talvolta jkunu ezistenti fl-*airconditioning unit* meta jigi restitwit lis-socjeta' attrici.

Ghal fini ta' kompetenza l-ammont ma jeccedix elf u tmien mitt lira Maltin (Lm1800.00).

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-11 ta' Ottubru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tipprefiggi terminu ta' hmistax-il gurnata sabiex il-konvenut jirritorna l-imsemmi *airconditioning unit* u fin-nuqqas tawtorizza lis-socjeta' attrici sabiex tiehu lura l-pussess ta' l-istess *airconditioner* taht is-sorveljanza tas-Sur Vincent Ciliberti li ghal dan l-iskop huwa minn issa nominat, bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Deputat Registratur